KUNSILL LOKALI VALLETTA

VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 08

Il-Erbgħa, 4 ta' Settembru, 2013, fil-7.00 p.m

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti l-Kunsillieri Dr Alexiei Dingli, Christian Darren Micallef, Dr Normal Shaw, Vincent Farrugia Lauri, Raymond Azzopardi, Raymond Attard u Vincent Fabri.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 7 li saret nhar It-Tlieta, 6 ta' Awwissu, 2013, fil-7.00 p.m kienu ikkonfermati.

## 1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

1.1 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi xtaq jinforma li hu ma qabilx mal-prezz li ser iħalsu il-*buskers*.

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku nforma li l-*GreenMt* flimkien mal-Kunsill Lokali kienet ser tniedi programm edukattiv kif ir-residenti tal-Belt għandhom jirriċiklaw l-iskart tagħhom. Ser jitqasmu l-boros ħodor kif ukoll fuljett informattiv f'kull dar.

2.2 Is-Sindku nforma li Sibt 7 ta' Settembru ser ikollna l-Malta International Bank Festival. Dawn ser iżuru wkoll Il-Każini tal-King's Own u La Valette.

## 3. KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI

3.1 Il-Kunsillier Vincent Farrugia Lauri xtaq li jsiru żewg mirja

3.2 Il-Kunsillier Vincent Fabri tkellem dwar il-bżonn ta' *traffic calmer* fi Triq San Pawl qabel Triq Santa Lucija

3.3 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw issuġġerixxa li *bars* u *restaurants* għandhom ikollhom *ashtrays* barra l-istabilimenti tagħhom. Is-sindku informa li l-kunsill preċedenti kien diga bgħat *bylaw* fuq dan is-suġġett.

3.4 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li 275, Ursola street għandhom l-ilma ta' AC jqattar fit-tarag (in-naħa ta' Bonaci). Dan biex tintbgħat ittra biex din titneħħa.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand France Mifsud dwar il-ħamiem fil-Belt. Dan għandu mezz kif jista jgħin biex tiġi eliminata l-problema tal-ħamiem. Il-Kunsill ra din l-offerta ma kienetx vantagguza għal Kunsill Lokali.

4.2 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Transport Malta biex Triq il-Lanċa ssir 2 way. Il-Kunsill ma qabilx u anke kiteb lil Transport Malta biex din ma ssirx pero Transport Malta baqgħu għaddejin bix-xogħolijiet u għalhekk il-kunsill qed iħares lejn mezzi legali.

**5. Amministrazzjoni**

5.1 Is-segretarja nfurmat li qed tistenna risposta mid-dipartiment biex toħrog is-sejħa għal *clerk.*

5.2 Is-segretarja nfurmat wara li ġiet mistoqsija mill-Kunsillier Raymond Azzopardi li l-kas tas-sekwestru fuq il-Kunsill Lokali kien ġie revokat peress li l-qorti rgħat li dan ma kellux isir. Fuq il-kas kien infurmat is-Segretarju Parlamentari Dr Jose Herrera li assista lil Kunsill biex jerġa kollox għan normal fi żmien qasir.

**TMIEM**

Fil-20.30hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għat-Tlieta 1 ta' Ottubru 2013.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku